MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1534/1992/1

**Carmela armla minn Carmelo Mallia, u b'digriet tas-27 ta' Frar 2006, il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju minn Carmela Mallia f'isem Mariella Deguara u Dr Jean Deguara, f'isimha u bhala prokuratrici tal-assenti John Mallia, Joseph, Emanuel, Rosario u George ahwa Mallia, Carmen Deguara u Catherine mart Victor Deguara li b'digriet tas-27 ta' Jannar 1994, il-kliem "Carmen Deguara u Catherine mart Victor Deguara" gie minflok sostitwiet b'ismijiet ta' "Carmen  Mallia, u Catherine armla ta' Victor Deguara"; Mary mart Louis Deguara, Pauline mart Peter Paul Bonnici, Rita mart Victor Sant u l-istess Victor Deguara, li bl-istesss digriet tas-27 ta' Jannar 1994 gie ordnat li l-kliem "u l-istess Victor Deguara" jigu kkancellati; Louis Deguara, Peter Paul Bonnici u Victor Sant bhala amministraturi tal-beni parafernali tan-nisa taghhom.**

**vs.**

**Cecil Pace u Emanuel Bonello bhala Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u b’nota tal-5 ta’ Marzu 2004 Raymond Gatt ghan-nom tad-ditta “Gatt, Galea & Co”, wara li ddikjara li l-Awtorita’ Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji b’ittra taghha tal-31 ta’ Jannar 2003 innominathom bhala l-Kontrollur il-gdid tas-socjeta’ konvenuta, assuma l-atti tal-kawza bhala l-Kontrollur il-gdid tas-socjeta’ konvenuta Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited minflok l-Kontrollur Emanuel Bonello, u b’digriet tat-2 ta’ Novembru 2004 gie ordnat li din l-assunzjoni ta’ l-atti tigi indikata fl-okkju ta’ din il-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta’ Novembru 1992 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-*aventi causa* ta’ l-atturi Carmelo Mallia kien mar il-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited;*

Illi dan Carmelo Mallia kien kellem lill-konvenut Cecil Pace bhala wiehed mid-diretturi tal-bank li kien hajru jiddepozita xi flus mieghu u;

Illi l-istess Carmelo Mallia, fost depoziti ohra, iddepozita l-ammont ta’ elf lira (Lm1,000) mal-konvenut Cecil Pace li min-naha tieghu flok iddepozitalu l-flus fil-Bank, hareg kambjala datata t-22 ta’ Frar 1972 hawn esebita bhala Dok. “A”, u;

Illi l-intenzjoni ta’ Carmelo Mallia meta ittratta ma’ Cecil Pace kien li jhalli flusu mal-bank konvenut *stante* li kien qed jinnegozja mal-President ta’ l-istess bank, u;

Illi din l-obbligazzjoni kellha timmatura fit-22 ta’ Lulju 1977, u;

Illi fil-21 ta' Awissu 1985 u fit-2 ta' Awissu 1990, il-konvenut Cecil Pace rega' kkonferma l-obbligazzjoni tieghu ghall-hlas ta' l-ammont depozitat mieghu kif jidher fuq l-invers tal-kambjala annessa, u

Illi l-aventi kawza ta' l-atturi miet u halla warajh lill-attrici bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u bhala eredi tieghu, u

Illi l-ammont dovut mill-konvenut sallum baqa' ma thallasx;

Illi l-atturi gew infurmati li l-kreditu taghhom ma jirrizultax bhala passiv tal-Bank mill-kotba tal-kumpanija;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-ammont ta' LM1,000 rapprezentant mill-kambjala huwa passiv mal-Bank konvenut;

2. Tikkundannhom jirrestitwixxu lill-atturi l-ammont ta' elf lira (LM1,000) depozitati mill-aventi kawza taghhom Carmelo Mallia kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-imghaxijiet kummercjali mit-22 ta' Lulju 1977 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat li din il-Kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri ghas-seduta tal-25 ta' Frar 1993.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Bonello *nomine* tat-2 ta' Dicembru 1992 a fol 11 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes *stante* illi l-ammont reklamat mhux passiv mal-Bank u li gara huwa li d-direttur tal-Bank ghamel in-negozju ma' l-atturi biss u mhux f'isem il-*Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited*. Infatti nharget il-kambjala imsemmija fic-citazzjoni u ghalhekk il-kreditu huwa passiv biss ma' Cecil Pace u/jew Henry Pace li nnegozjaw ma' l-attur biss fil-kwalita` taghhom personali.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Emanuel Bonello nomine a fol 11 u 12.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri tal-25 ta' Frar 1993; tat-18 ta' Marzu 1993; u tas-19 ta' April 1993.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Cecil Pace datata 28 ta' Mejju 1993 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-irritwalita` tat-talbiet attrici u n-nullita` tac-citazzjoni billi mid-dokument esebit kellha issir azzjoni kambjarja.

2. Illi jridu jigu ippruvati ezattament min huma l-eredi ta' l-aventi kawza ta' l-atturi.

3. Illi minghajr pregudizzju, s-self in kwistjoni kien transazzjoni personali bejn Carmelo Mallia u l-konvenut personalment kif jidher ukoll car mill-kambjala personali esebita mac-citazzjoni u ghalhekk dan id-debitu mhux passiv tal-*Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited*.

4. Illi l-kambjala in kwistjoni kienet tirrapprezenta parti mill-prezz miftiehem fuq bejgh ta' propjeta` mmobbli u ghalhekk ma kenitx transazzjoni mal-Bank.

5. Illi l-ammont dovut mhux dak indikat fic-citazzjoni izda somma ferm anqas kif jigi ppruvat waqt il-kawza.

6. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-permess, hemm difetti serji fil-forma tat-talbiet attrici li rrenduhom insostenibbli u jew nulli u minghajr effett skond il-ligi u ma jistghux jigu proposti validament kontra l-konvenuti f'din il-kawza bil-mod kif proposti.

7. Illi t-talbiet attrici kontra l-konvenut ma jistghu qatt jigu milqughha fuq il-premessi dedotti fic-citazzjoni u huma neqsin mill-premessi mehtiega fil-ligi.

8. Illi l-eccipjenti ghandu jigi liberat peress illi t-talbiet attrici ma jregghux fir-rigward tieghu.

9. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet ta' l-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

10. Illi Carmelo Mallia stess kien ried li ssir transazzjoni bil-kambjala personali li biha jottjeni imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena.

11. Illi minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz it-transazzjoni li saret bejn Carmelo Mallia u l-konvenut Cecil Pace la hija affetta minn frodi u l-anqas ma hija nulla izda kienet transazzjoni regolari skond il-ligi billi Carmelo Mallia li xtaq rata ta' tmienja fil-mija fis-sena li kienet rata ferm ghola minn dik fissa u kif stabbilita mill-ligi ghall-banek kollha u peress illi l-attur ma riedx li l-kreditu tieghu ma jidhirx ghall-finijiet jew skopijiet tieghu jkun forma ta' self personali bir-rata ta' imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena, rata lecita u premessa mill-ligi fuq self kummercjali u min-naha tieghu l-konvenut Cecil Pace hariglu kambjala personali tieghu ghall-ammont ta' elf lira u semma' l-imghax dovut kif ammess fid-dikjarazzjoni u fic-citazzjoni ta' l-atturi.

12. Illi kif kien jaf ben tajjeb Carmelo Mallia, l-ebda bank ma kien jaghti imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena.

13. Illi Carmelo Mallia l-anqas ma setgha jahseb li kien qieghed jaghmel depozitu normali mal-Bank ghaliex dan kien kreditu dovut fuq il-bejgh ta' propjeta` u mhux flus kontanti.

14. Illi jekk passiv personali ta' l-eccipjent jigi dikjarat bhala passiv tal-Bank meta fil-fatt la huwa passiv tal-bank u l-kreditu ma giex depozitat mal-bank dan ikun ta' pregudizzu enormi ghad-depozitanti kollha tal-bank billi fir-*ranking of creditors* l-ewwel ghandhom jithallsu d-depozitanti tal-bank imbaghad jithallsu minn dak li jifdal il-kredituri personali ta' l-eccipjenti skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjonji u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Cecil Pace fol 20 sa 22.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri tal-21 ta' Ottubru 1993; tas-27 ta' Jannar 1994 (fol 24) fejn Dr Christian Farrugia talab korrezzjoni fis-sens li l-kliem "Carmen Deguara, Catherine mart Victor Deguara" jigu sostitwiti bil-kliem "Carmen Mallia, Catherine armla minn Victor Deguara" kif ukoll il-kliem "u l-istess Victor Deguara" jigu kancellati. Il-konvenuti ma opponewx li ssir il-korrezzjoni u l-Qorti laqghet it-talba w ordant il-korrezzjonijiet rikkesti; xehdu l-atturi **Rosario Mallia** in kontro-ezami u in re-ezami (fol 26 sa 55), **Carmela Mallia** in kontro-ezami u in re-ezami (fol 56 sa 75), u **Emanuel Mallia** in kontro-ezami (fol 76 sa 91) kollha fis-27 ta' Jannar 1994.

Rat il-verbal quddiem l-istess Qorti hekk diversament presjeduta tal-21 ta April 1994 a fol 92 tal-process fejn xehdu l-konvenuti **Emanuel Bonello** in kontro-ezami (fol 94 sa 99); u **Cecil Pace** in kontro-ezami (fol 100 sa 131). Dr. Malcolm Pace ipprezenta nota b'zewg dokumenti tal-konvenut Cecil Pace (fol 132 sa 142) immarkati bhala Dok. "CAP" konsistenti f'kuntratt datat 31 ta' Lulju 1971 fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis bejn Carmelo Mallia,u Cecil Pace ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Maltese Properties Limited u Dok. "CAP 2" konsistenti f'kuntratt pubbliku iehor datat 22 ta' Frar 1972

fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis bejn Carmelo Mallia u Cecil Pace ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Maltese Properties Limited.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-24 ta' Ottubru 1994; tat-22 ta' Frar 1995; tat-24 ta' Mejju 1995; u tat-28 ta' Frar 1996 fejn il-kawza kompliet tinstema' quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri; tal-20 ta' Mejju 1996; 28 ta' Ottubru 1996 u tat-8 ta' Novembru 1996; tas-27 ta' Jannar 1997; tas-7 ta' April 1997; 2 ta' Gunju 1997; tal-14 ta' Ottubru 1997 u tad-19 ta' Jannar 1998 fejn il-kawza dejjem giet differita *stante* li kienet qed tistenna ezitu ta' kawza kostituzzjonali li kienet ghadha pendenti.

Rat in-nota tal-konvenut Bonello datata 28 ta' Jannar 1998 li tinsab a fol 156 tal-process fejn permezz taghha esebixxa kopja legali tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Cecil u Henry ahwa Pace vs l-Onorevoli Prim Ministru et"** ((JSP) (CAA) (JDC) – Rikors Numru 533/96).

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-24 ta Frar 1998 fejn il-kawza giet differita *sine die* bl-ordni illi r-registratur tal-Qorti jiehu hsieb li din il-kawza tigi trattata mill-Bord ta' l-Appelli.

Rat id-digriet tal-Bord ta' l-Appell datat 3 ta' Marzu 2003 u s-sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali datata 27 ta' Frar 2003 fl-ismijiet **"Cecil Pace et vs l-Avukat Generali"** (VGD) (JDC) (JAF) Rikors Numru 549/96) fejn gie ddikjarat li l-Att XVII ta' 995 in kwantu – istess cahadhom mid-dritt li jkomplu bil-kawzi minnhom ipprezentati u gja *in corso* ghal zmien konsiderevoli jilledilhom id-drittijiet fundamentali taghhom salvagwardati bl-**artikolu 6 u 19 tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

Rat d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn *in vista* tal-verbal tal-Bord ta' l-Appell hemm indikat u datat 3 ta' Marzu

2003, irriappuntat il-kawza odjerna ghas-smiegh ghall-21 ta’ Novembru 2003.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-21 ta’ Novembru 2003; tas-16 ta’ Jannar 2004 u tat-3 ta’ Marzu 2004.

Rat in-nota ta’ Raymond Gatt (wiehed mill-*partners* ta’ “Gatt, Galea & Co.”) datata 5 ta’ Marzu 2004 a fol 215, li permezz taghha iddikjara li l-Awtorita` Maltija Ghas-Servizzi Finanzjarji, innominathom bhala l-Kontrollur il-gdid tas-Socjeta` konvenuta cioe` *Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* u ghalhekk l-istess ditta assumiet l-atti tal-kawza minfolk il-Kontrollur precedenti Emanuel A. Bonello.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta’ April 2004 u tas-26 ta’ Mejju 2004.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 26 ta’ Mejju 2004 (fol.219) li permezz taghha pprezentat l-affidavits ta’ **Carmela Mallia** (fol 220); ta’ **Emanuel Mallia** (fol 221); ta’ **John Mallia** (fol 222 sa 226); u ta’ **Rosario Mallia** (fol 227) kollha datati 26 ta’ April 2004.

Rat is-sentenza fl-ismijiet **“Carmelo Mallia vs l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici bhala Kontrollur tal-*Bank of Industry, Commerce & Agricultural Limited* u b’digriet ta’ l-20 ta’ Frar 1976 gew kjamati in kawza Cecil Pace u Henry Pace”** moghtija mill-Qorti tal-Kummerc presjeduta mill-kompjant Onorevoli Mhallef Joseph A. Herrera datata 31 ta’ Jannar 1983 (Citaz Numru 11/76) kollox a fol. 223 sa 226 tal-process. Fl-istess sentenza saret riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **“Joseph Mercieca vs l-Av. Dr. Carmelo Misfud Bonnici nomine”** (K (JH) 19 ta’ Awissu 1981) u **“Olga Mercieca vs l-Av. Dr. Carmelo Misfud Bonnici nomine”** (K (JH) 9 ta’ Settembru 1980).

Rat il-verbal tat-8 ta’ Lulju 2004 ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 9 ta’ Lulju 2004 a fol. 229 li permezz taghha ddikjaraw illi bix-xhieda prodotta minnhom permezz ta’ l-affidavit, huma ghalqu l-provi kollha taghhom u ma fadlilhomx aktar provi x’jipproducu.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Novembru 2004 (fol 230) fejn il-Qorti hekk diversament presjeduta ordnat a kura tar-Registratur li jsir id-debitu aggustament fl-okkju tal-kawza fid-dawl tan-nota a fol 215 tal-process. Xehdu **Carmela Mallia** (fol 231 sa 243) u **John Mallia** (fol 244 sa 249). Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Jannar 2005 ghall-kontro-ezamijiet; tat-18 ta’ Jannar 2005 fejn xehdu **Emanuel Mallia** (fol 251 sa 256) u **Cecil Pace** (fol 257 sa 262); u tat- 8 ta’ Marzu 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet ta’ l-atturi datata 22 ta’ April 2005 a fol. 264 tal-process.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 22 ta’ April 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Gunju 2005 ghan-nota responsiva tal-konvenuti.

Rat in-nota t’osservazzjonijiet ta’ Ray Gatt *nomine* datata 3 ta’ Mejju 2005 a fol 269 tal-process.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2005 u tat-2 ta’ Novembru 2005 fejn ma sar xejn; u tas-6 ta’ Dicembru 2005.

Rat in-nota t’ osservazzjonijiet ta’ Ray Gatt *nomine* datata 21 ta’ Dicembru 2005 a fol 274 tal-process.

Rat l-ordni tal-Qorti kif attwalment presjeduta datata 20 ta’ Jannar 2006 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Marzu 2006.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Marzu 2006 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo ghad-9 ta’ Mejju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi bhala *avendi causa* tad-*decujus* Carmelo Mallia qed isostnu li l-imsemmi Carmelo Mallia fl-laqgha li kellu mal-konvenut Cecil Pace gie mhajjar jiddeposita s-somma ta' Lm1,000 mal-Bank konvenut, u l-attur hekk ghamel u l-istess konvenut imsemmi minflok hareg kambjala datata 22 ta' Frar 1972, liema obbligazzjoni kienet timmatura fit-22 ta' Lulju 1972, kienet giet ikkonfermata mill-istess konvenut Cecil Pace, u ghalhekk talbu sabiex *in vista* ta' dan kollu jigi ddikjarat li l-istess ammont ta' Lm1,000 huwa fil-fatt passiv tal-Bank u wkoll konsegwenti tikkundanna lill-istess bank sabiex ihallas l-istess somma lill-atturi bhala *avendi causa* ta' l-imsemmi Carmelo Mallia.

Illi l-Bank konvenut ecceppixxa li dan ma huwiex debitu tal-Bank ghaliex il-konvenut direttur tal-Bank ghamel in-negozju f'ismu biss personali bhala Cecil Pace u/jew Henry Pace mhux ghan-nom tal-Bank; min-naha l-ohra l-konvenut sostna li d-dejn kien wiehed personali anke ghaliex il-kambjala kienet tirrapresenta parti mill-prezz ta' proprjeta immobbli u l-intenzjoni tal-mejjet Carmelo Mallia kienet li t-transazzjoni tkun wahda personali sabiex huwa jiehu imghax ta' tmienja fil-mija.

Illi din il-Qorti rat il-provi kollha prodotti u mill-istess provi jirrizulta lil din il-Qorti li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati fis-sens li gie pruvat li l-attur kien ta l-ammont mertu tac-citazzjoni lill-konvenut Cecil Pace biss bhala persuna li kienet tirrappresenta lill-bank konvenut u dan bl-intenzjoni manifesta li l-istess *decujus* jaghmel depositu bankarju ma' l-istess bank konvenut; fil-fatt jirrizulta li l-istess Carmelo Mallia kien wiehed mill-klijenti tal-Bank, u dan huwa ammess sahansitra mill-konvenut innifsu Cecil Pace, li kien fil-fatt irnexxielu jikkonvinci lill-istess Carmelo Mallia sabiex isir klijent ta' l-istess Bank u jinvesti ma' l-istess Bank konvenut u jitrasferixxi l-investimenti tieghu fl-istess Bank; jidher li saru diversi depositi mill-istess Carmelo Mallia u minflok il-konvenut Cecil Pace kien

johrog kambjala li meta timmatura kien isir zbank mill-istess Mallia, u hija tigi ritornata.

Illi din il-Qorti thoss li minkejja l-fatt li l-istess kambjala giet mill-konvenut Cecil Pace u fiha ma hemmx l-isem tal-Bank ma jbiddel xejn mill-fatt li l-istess attur kien minghalih li kien dejjem qed jinnegozja f’tali depositi mal-bank u dan huwa indikat anke mill-fatt li tali dokument fil-fatt ma kienx iffirmat biss mill-istess Cecil Pace imma wkoll min huh stess Henry Pace, u allura ma jistax jinghad li l-istess transazzjoni kienet wahda personali ghall-konvenut Cecil Pace, ghaliex kieku hekk ma kienx hemm bzonn fuq l-istess dokument il-firma ta’ huh.

Illi din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-istess konvenut Cecil Pace ipprofitta ruhu mill-fatt li l-istess Carmelo Mallia kien jafdah u jafu u wkoll li l-istess Mallia, ghalkemm bniedem tan-negozju kien illiterat u kien allura iffirmah biss huwa u huh minghajr ma’ kien hemm l-ebda indikazzjoni dwar l-isem tal-bank u dan ovvjament kien att frawdolenti ghall-istess *avendi causa* ta’ l-atturi, li kien minghalih li kien qed jaghmel depositu u transazzjoni mal-bank u l-kambjala ffirmata mill-konvenut u minn huh kienet it-testimonjanza ta’ dan id-depositu.

Illi f’dan l-istadju din il-Qorti thoss li lanqas tista’ taccetta l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut Cecil Pace, fejn *inter alia* qed isostni li t-transazzjoni kienet wahda personali ghalih u mhux mal-Bank u dan anke peress li l-istess ammont kien jirrapresenta parti mill-prezz ta’ immobbli li l-istess Carmelo Mallia kien biegh lilu u li skond l-istess konvenut, kien Carmelo Mallia li nsista li tohrog kambjala sabiex jithallas imghax ta’ tmienja fil-mija; din il-Qorti thoss li l-konvenut Cecil Pace bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova dak allegat minnu u dan peress li l-kuntratti pubblici li huwa esebixxa sabiex jipprova jikkorroboraha din il-versjoni tieghu kienu jikkoncernaw bejgh ta’ proprjeta’ immobbli mill-istess Carmelo Mallia lil Cecil Pace *“ghan-nom u in rappresentenza tas-socjeta’ Maltese Properties Limited”* u dan kif hemm dikjarat fl-istess kuntratti pubblici datati rispettivament 3 ta’ Lulju 1971 u 22 ta’ Frar 1972 esebiti bhala Dok. “CFP” u Dok. “CFP 2” a

fol. 133 u 137 tal-process. Mela allura l-prezz ta' l-immobbli ma kien qatt dovut lill-konvenut personali izda lis-socjeta' hemn indikata u li giet rappresentata fuq l-istess kuntratti minn Cecil Pace wahdu – qatt ma kien hemm transazzjoni bejn l-istess Carmelo Mallia u l-konvenut Cecil Pace personalment.

Illi tali versjoni lanqas hija kredibbli ghar-raguni ohra u cjoe' li l-prezz indikati fl-istess zewg kuntratti esebiti mill-istess konvenut Cecil Pace stess u dan ta' Lm10,000 u Lm20,000 rispettivament gie indikat li thallsu mis-socjeta' kompratrici lill-venditur fuq l-istess atti ta' trasferiment, tant li hekk inghad fl-istess kuntratti u thalliet debita ricevuta ta' l-ammont kollu ta' kull prezz ta' bejgh fl-istess kuntratt kif jidher a fol. 134 u 135 fl-ewwel kuntratt esebit bhala Dok. “CFP” u a fol. 140 fit-tieni kuntratt esebit bhala Dok. “CPF 2”. Dan ukoll irendi l-versjoni ta' l-istess konvenut Cecil Pace mhux kredibbli u fil-fatt l-istess versjoni qed tigi rigettata minn din il-Qorti, anke peress li hija ghalhekk kontradetta mid-dokumenti li esebixxa l-istess konvenut innifsu.

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut fuq din il-bazi qed jigu rigettati, kif l-istess qed tigi michuda l-ghaxar (10) eccezzjoni *stante* li dak allegat mill-istess konvenut ma' giex ippruvat, u f'dan il-kuntest jinghad ukoll li f'dan ir-rigward l-istess konvenut ma ssodisfax l-oneru ta' prova imposta fuqu – apparti li l-versjoni tieghu ma hija bl-ebda mod kredibbli, anzi kontradetta mill-provi l-ohra prodotti, nkluzi d-dokumenti esebiti minnu stess. F'dan il-kuntest qed jigu michuda wkoll l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut Cecil Pace u dan jinkludu l-eccezzjonijiet numru 3 sa dik numru 14. Din il-Qorti tinnota wkoll li ma kienx hemm intenzjoni ta' self mill-istess avendi causa ta' l-atturi, u din il-Qorti tinnota li f'dan il-kuntest ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut Cecil Pace huma kontrastanti ghal xulxin, u dan ikompli jikkonferma li t-tezi ta' l-imsemmi konvenut Pace ma hijiex kredibbli. Fil-fatt fl-istess nifs jinghad li l-kambjala hija parti minn prezz ta' bejgh u wkoll li l-istess kambjala kienet tirrapresenta transazzjoni ta' self, u dan apparti eccezzjonijiet ohra fis-sens li l-ammont indikat fic-citazzjoni mhux dovut izda

huwa dovut ammont ferm anqas, kif jinghad fil-hames (5) eccezzjoni – eccezzjoni li ma ghandha ebda bazi ta' xejn, specjalment fid-dawl tar-rizultanzi f'din il-kawza.

Illi fil-fatt it-tezi attrici hija wkoll ikkonfermata mix-xhieda ta' Carmela Mallia, Emmanuel Mallia, John Mallia u Rosario Mallia datata 26 ta' April 2004 fejn l-istess xehdu li fid-29 ta' Novembru 1995 huma kienu ltaqghu mal-konvenut Cecil Pace l-Qorti u talbuh biex jerga' jiffirma l-kambjali u l-konvenut qalilhom *"dawn il-kambjali m'humiex tieghi personali izda tal-Bical".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-intendiment tal-partijiet ta' din it-transazzjoni kien biss li jkun hemm dak li fis-sentenza **"Emmanuel Sammut vs Emanuel Bonello *nomine et*"** (P.A. (JA) 30 ta' Jannar 2006) jissejjah ezattament bhala *"negozju guridiku bejn l-attur* (f'dan il-kaz l-awtur ta' l-atturi Carmelo Mallia) *u l-bank u xejn izjed. (Ara sentenza fl-ismijiet **"Dr. Victor Captur et vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici nomine et"** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' Ottubru 1984)".*

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut Cecil Pace qed jigu rigettata.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-Bank din il-Qorti thoss li l-fatt li l-istess kreditu ta' l-attur ma jirrizultax mill-kotba tal-Bank, kif xehed Emanuele Bonello bhala Kontrollur tal-Bank ma jostakolax li l-azzjoni attrici tirnexxi, ghaliex jidher car li f'dak iz-zmien l-affarijiet tal-Bank ma kienux qed jitmexxew b'mod regolari u tali nuqqas ta' dokumentazzjoni ma kienet l-ebda ostakolu sabiex jigu rikonoxxuti diversi debiti tal-bank konvenut u dan kif gie gudizzjarjament ritenut f'diversi sentenzi ma' l-istess operazzjonijiet tal-Bank inkluzi dawk fl-ismjiet ta' **"Carmelo Mallia vs l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici bhala Kontrollur tal-*Bank of Industry, Commerce & Agricultural Limited* u b'digriet ta' l-20 ta' Frar 1976 gew kjamati in kawza Cecil Pace u Henry Pace"** (K. (JH) datata 31 ta' Jannar 1983 (Citaz/ Numru 11/76) u dawk fl-ismijiet **"Joseph Mercieca vs l-Av. Dr. Carmelo Misfud Bonnici nomine"** (K (JH) 19 ta' Awissu 1981);

**“Olga Mercieca vs l-Av. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici nomine”** (K (JH) 9 ta’ Settembru 1980); u **“Emmanuel Sammut vs Emanuel Bonello *nomine et*”** (P.A. (JA) 30 ta’ Jannar 2006 – Citaz. Numru 1497/1992/JA).

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghan-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ Ray Gatt nomine datata 3 ta’ Mejju 2005 fejn minkejja dak li inghad iktar il-quddiem fl-istess nota, jibda biex jghid is-segwenti:-

*“Illi skond kif gie ritenut f’diversi kawzi simili, b’mertu simili ghal dak ta’ din il-kawza, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi jekk din il-Qorti thoss li oggettivament it-transazzjoni mertu tal-kawza, kienet attwalment saret mal-bank konvenut, allavolja c-cedola inharget mill-konvenut personalment, allura l-bank konvenut ghandu jigi ddikjarat passiv verso l-atturi”.*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti din tikkonferma fiha nfisha l-azzjoni attrici u wkoll hija kontra dak sottomess mill-istess bank konvenut fl-eccezzjoni tieghu u ghal din ir-raguni wkoll l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut qed jigu michuda; jinghad ukoll li din il-Qorti thoss li kif gja gie fuq indikat din it-transazzjoni mertu tal-kawza odjerna saret bejn l-istess Carmelo Mallia u l-Bank konvenut u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront ta’ l-istess bank konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Cecil Pace u tal-Bank konvenut hekk kif rappresentat, **tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-istess bank konvenut** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-ammont ta’ elf lira Maltija (LM1,000) rapprezentant mill-kambjala huwa passiv mal-Bank konvenut;

2. Tikkundanna lill-istess Bank konvenut jirrestitwixxi lill-atturi l-ammont ta’ elf lira Maltija (LM1,000) depozitati mill-aventi kawza taghhom Carmelo Mallia kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mit-22 ta’ Lulju 1977 sal-effettiv pagament kontra l-Bank konvenut b’dan pero’ li l-ispejjez tal-konvenut Cecil Pace ghandhom jigu ssoporatati mill-istess konvenut Cecil Pace nnifsu.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------